REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1159

5 ta' Awwissu 2020.

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1321/2014 u (UE) 2015/640 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali ġodda tal-ajrunavigabbiltà

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-punt (h) tal-Artikolu 17(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 76(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (iktar 'il quddiem l-"Aġenzija") tippubblika speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni (iktar 'il quddiem "CS") u taġġornahom regolarment. Madankollu, inġenju tal-ajru, li d-disinn tiegħu jkun diġà ġie ċċertifikat, mhuwiex meħtieġ jikkonforma ma' verżjoni aġġornata tas-CS meta jiġi prodott jew waqt li jkun fis-servizz. Għalhekk, sabiex jinżamm livell għoli ta' sikurezza tal-avjazzjoni u ta' rekwiżiti ambjentali fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi introdotta l-konformità ta' tali inġenji tal-ajru mar-rekwiżiti addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà li ma kinux inklużi fis-CS inizjali fiż-żmien taċ-ċertifikazzjoni tad-disinn. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/640 ([2]) jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà bħal dawn. Jenħtieġ li dan ir-Regolament issa jiġi emendat biex jiżdiedu rekwiżiti ġodda dwar inġenji tal-ajru li qed jeqdiemu.

(2) Fl-2007, l-Aġenzija ħarġet Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) 20-20, li jipprovdu gwida teknika għall-iżvilupp ta' programm kontinwu ta' integrità strutturali bl-għan li tiġi żgurata l-operazzjoni sikura tal-inġenji tal-ajru li qed jeqdiemu matul il-ħajja operattiva tagħhom. Minħabba n-natura mhux vinkolanti tal-AMC, l-applikazzjoni ta' dik il-gwida tista' ma tkunx konsistenti fl-Unjoni kollha. B'konsegwenza ta' dan, bħalissa jistgħu jkunu qed jitħaddmu inġenji tal-ajru kbar li kienu ddisinjati, modifikati jew imsewwija mingħajr ma ġew indirizzati effettivament l-evalwazzjonijiet tat-tolleranza għad-danni, tad-danni kkawżati minn reħja mifruxa u tal-prevenzjoni tal-korrużjoni. Bil-għan li jiġi evitat li jkun hemm fallimenti katastrofiċi minħabba r-reħja, inklużi reħja u korrużjoni mifruxa, jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà fir-Regolament (UE) 2015/640.

(3) Kull inġenju tal-ajru jista' jitqies li qed jeqdiem mill-mument tal-manifattura tiegħu. It-tiqdim ta' inġenju tal-ajru jiddependi minn fatturi bħall-età, l-għadd ta' ċikli ta' titjir u l-għadd ta' siegħat ta' titjir. Il-komponenti individwali tal-inġenji tal-ajru jeqdiemu b'mod differenti u wħud minn dawn il-fatturi ta' tiqdim huma r-reħja minn ċikli repetittivi, it-tkagħbir bl-użu, id-deterjorament u l-korrużjoni. Dawk il-fatturi jistgħu jikkawżaw tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza jekk ma jkunux ġestiti kif xieraq matul il-ħajja tal-inġenju tal-ajru. L-esperjenza tas-servizz uriet li hemm bżonn ta' aġġornament kontinwu tal-għarfien dwar l-integrità strutturali tal-inġenju tal-ajru li qed jeqdiemu. Għalhekk, jenħtieġ li fir-Regolament (UE) 2015/640 jiġu introdotti rekwiżiti ġodda biex l-għarfien dwar il-fatturi tat-tiqdim jinżamm aġġornat abbażi tal-esperjenza operazzjonali f'ħin reali u bl-użu ta' għodod moderni ta' analiżi u ttestjar.

(4) Dawk ir-rekwiżiti dwar inġenji tal-ajru li qed jeqdiemu jenħtieġ li jiżguraw li d-detenturi tal-approvazzjoni tad-disinn jipproduċu d-*data* u l-proċeduri, l-istruzzjonijiet u l-manwali li ġejjin, meħtieġa biex jipprevjenu fallimenti ta' strutturi minħabba l-korrużjoni u r-reħja u biex jagħmluhom disponibbli għall-operaturi. Sabiex jinkiseb dan, jenħtieġ li d-detenturi tal-approvazzjoni tad-disinn ikunu meħtieġa jiżviluppaw programm ta' integrità strutturali komprensiv u kontinwu għat-tip ta' inġenju tal-ajru, u jevalwaw il-bidliet u d-disinni tat-tiswijiet eżistenti għat-tolleranza għad-danni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-operaturi jkunu meħtieġa jinkorporaw fil-programm tal-manutenzjoni tagħhom dik id-*data*, filwaqt li jindirizzaw l-effetti negattivi tal-bidliet u tat-tiswijiet fuq kull qafas tal-inġenju tal-ajru u r-rekwiżiti ta' manutenzjoni assoċjati miegħu.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/640 tat-23 ta' April 2015 dwar l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà għal tip partikolari ta' operazzjonijiet u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 (ĠU L 106, 24.4.2015, p. 18).

(5) Sabiex ikun żgurat li dik id-*data*, dawk il-proċeduri, l-istruzzjonijiet u l-manwali li ġew prodotti abbażi ta' dawk ir-rekwiżiti l-ġodda jintużaw ukoll meta jinżammu ajruplani kbar, il-punt M.A.302 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 ([3]) jeħtieġ ikun jirreferi għar-rekwiżiti introdotti fil-Parti-26 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/640.

(6) Bħalissa hemm diversi mijiet ta' ajruplani kbar mgħammra b'kompartimenti tal-merkanzija jew tal-bagalji tal-Klassi D li huma reġistrati fl-Istati Membri. Ir-riskju ta' nirien inkontrollabbli f'dan it-tip ta' kompartiment huwa kkunsidrat għoli, b'mod partikolari meta wieħed iqis li t-trasport tal-batteriji tal-litju fil-kompartimenti tal-merkanzija żdied f'dawn l-aħħar snin, flimkien mar-riskju identifikat ta' reazzjoni termika instabbli u n-nirien sussegwenti relatati ma' dawk il-batteriji.

(7) F'Settembru 2007, l-Aġenzija kienet introdotta standards ġodda tad-disinn li eliminaw l-kompartimenti tal-merkanzija u tal-bagalji tal-Klassi D mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għal ajruplani kbar. Dawk l-istandards kellhom l-għan li jnaqqsu r-riskju ta' korrimenti jew fatalitajiet fil-każ ta' nirien matul it-titjira fil-kompartiment tal-merkanzija jew tal-bagalji, iżda japplikaw biss għal ajruplani kbar iċċertifikati abbażi ta' talbiet li saru wara Settembru 2007. Meta wieħed iqis li ċerti ajruplani kbar jistgħu ma jikkonformawx ma' dawk l-istandards u wara kunsiderazzjoni xierqa tan-natura u r-riskju tal-operazzjonijiet b'ajruplani kbar, jenħtieġ issa li dawk l-istandards japplikaw għall-ajruplani kbar kollha fis-servizz iċċertifikati mill-Aġenzija.

(8) Għal dawn l-aħħar deċennji, l-eskursjonijiet fuq ir-runway kienu kontributuri kbar għall-inċidenti madwar id-dinja, u kienu riskju sinifikanti għas-sikurezza tal-avjazzjoni. Ir-Rieżami Annwali dwar is-Sikurezza tal-EASA għall-2018 jidentifika l-eskursjonijiet fuq ir-runway bħala wieħed mill-ogħla żewġ oqsma ta' riskju ewlenin. Barra minn hekk, l-eskursjonijiet fuq ir-runway kienu jammontaw għal 30 % tal-aċċidenti mhux fatali matul l-istess perjodu u għall-istess popolazzjoni. L-għadd ta' okkorrenzi ta' eskursjonijiet fuq ir-runway matul l-illandjar żdied skont iż-żieda fit-traffiku. Peress li t-traffiku tal-avjazzjoni huwa mistenni jkompli jikber mad-dinja kollha, kif ukoll fl-Ewropa, l-għadd ta' eskursjonijiet fir-runway jista' wkoll jiġi mistenni li se jiżdied aktar jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni.

(9) F'Jannar 2020, l-Aġenzija introdotta standards ta' disinn ġodda għall-installazzjoni ta' sistemi li jappoġġjaw l-ekwipaġġ tat-titjira fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom waqt l-avviċinament u l-illandjar. Dawk l-istandards għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju ta' eskursjonijiet fuq ir-runway matul l-illandjar. Wara kunsiderazzjoni xierqa tan-natura u r-riskju tal-operazzjonijiet b'ajruplani kbar, jenħtieġ issa li dawk l-istandards japplikaw għall-ajruplani kbar kollha fis-servizz iċċertifikati mill-Aġenzija.

(10) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 u (UE) 2015/640 għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati skont dan. Fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa, ġie inkluż perjodu ta' tranżizzjoni biex jiġi evitat piż addizzjonali għall-industrija matul din il-kriżi u biex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-regoli u l-proċeduri l-ġodda introdotti minn dan ir-Regolament.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni Nru 12/2016 ([4]) u l-opinjoni 04/2019 ([5]) maħruġin mill-Aġenzija skont l-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1).

([4]) L-Opinjoni 12/2016: Strutturi tal-inġenji tal-ajru li qed jeqdiemu.

([5]) L-Opinjoni 04/2019: Tnaqqis tal-eskursjonijiet fuq ir-runway u tal-kompartimenti tal-Klassi D

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) 2015/640 huwa emendat kif ġej

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet komuni addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà marbuta mal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà u t-titjib fis-sikurezza tal-inġenji tal-ajru.

2. Dan ir-Regolament japplika għal:

(a) l-operaturi ta':

(i) inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stat Membru;

(ii) inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz u użati minn operatur li għalih hemm Stat Membru li jiżgura s-sorveljanza;

(b) id-detenturi ta' ċertifikat tat-tip, ċertifikat tat-tip ristrett, ċertifikat tat-tip supplementari, jew approvazzjoni ta' tibdil u ta' disinn tat-tiswija approvati mill-Aġenzija f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 * jew meqjusa li ġew maħruġa f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament;

(c) l-applikanti għal ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini, li għalih l-applikazzjoni ġiet ippreżentata qabel l-1 ta' Jannar 2019 u li nħarġilhom iċ-ċertifikat wara 26 ta' Awwissu 2020. meta jiġi speċifikat fl-Anness I (Parti-26).

* Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1).";

(2) Fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti (e) sa (o) li ġejjin:

"(e) "limitu ta' validità" (LOV) tfisser, fil-kuntest tad-*data* ta' inġinerija li tappoġġa l-programm ta' manutenzjoni strutturali, perjodu ta' żmien, iddikjarat bħala numru taċ-ċikli ta' titjir totali jew sigħat ta' titjir akkumulati jew it-tnejn li huma, li matulhom jintwera li mhux se jkun hemm danni kkawżati minn reħja mifruxa fuq l-ajruplan;

(f) "taqsima tal-limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà" (ALS) tfisser taqsima fl-istruzzjonijiet għal ajrunavigabbiltà kontinwa, kif meħtieġ mill-punti 21.A.61, 21.A.107 u 21.A.120 A tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, li fiha limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà li jistabbilixxu kull ħin ta' sostituzzjoni mandatorju, intervall ta' spezzjoni u proċedura ta' spezzjoni relatata;

(g) "programm ta' prevenzjoni u kontroll tal-korrużjoni" (CPCP) tfisser dokument li jirrifletti approċċ sistematiku li jipprevjeni u jikkontrolla l-korrużjoni fl-istruttura primarja ta' ajruplan, li jikkonsisti f'kompiti bażiċi ta' korrużjoni, inklużi l-ispezzjonijiet, iż-żoni soġġetti għal dawk il-kompiti, il-livelli ta' korrużjoni ddefiniti u l-ħinijiet ta' konformità (il-limiti tal-implimentazzjoni u l-intervalli ripetuti). Is-CPCP tal-linja bażi tiġi stabbilita mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, li tista' tiġi adattata mill-operaturi biex joħolqu CPCP fil-programm ta' manutenzjoni tagħhom li jkun speċifiku għall-operazzjonijiet tagħhom;

(h) "danni kkawżati minn reħja mifruxa" (WFD) tfisser il-preżenza simultanja ta' xquq f'diversi postijiet fl-istruttura ta' ajruplan li jkunu ta' tali daqs u numru li l-istruttura ma tibqax tilħaq il-qawwa ta' sikurezza jew il-qawwa residwa użata għaċ-ċertifikazzjoni ta' dik l-istruttura;

(i) "struttura tal-linja bażi" tirreferi għall-istruttura li hija ddisinjata skont iċ-ċertifikat tat-tip għal dak il-mudell tal-ajruplan (jiġifieri, "il-konfigurazzjoni tal-mudell tal-ajruplan kif kien ikkonsenjat");

(j) "struttura tal-linja bażi kritika f'każ ta' reħja" (FCBS) tfisser l-istruttura tal-linja bażi ta' ajruplan li hija kklassifikata mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip bħala struttura kritika mill-aspett tar-reħja;

(k) "struttura mmodifikata kritika f'każ ta' reħja" (FCMS) tfisser kwalunkwe struttura kritika ta' ajruplan introdotta jew affettwata minn tibdil fid-disinn tat-tip tagħha u li mhijiex diġà elenkata bħala parti mill-istruttura tal-linja bażi kritika f'każ ta' reħja;

(l) "evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni" (DTE) hija proċess li jwassal biex jiġu ddeterminati l-azzjonijiet ta' manutenzjoni li huma meħtieġa biex jiġi identifikat jew eskluż il-qsim tar-reħja li jista' jikkontribwixxi għal falliment katastrofiku. Meta tiġi applikata għat-tiswijiet u għall-bidliet, DTE tinkludi l-evalwazzjoni tat-tiswija jew tal-bidla u l-istruttura kritika f'każ ta' reħja affettwata mit-tiswija jew mill-bidliet;

(m) "spezzjoni tat-tolleranza għad-danni" (DTI) tfisser rekwiżit ta' spezzjoni jew azzjoni ta' manutenzjoni oħra żviluppata mid-detenturi ta' ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett bħala riżultat ta' evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni. DTI tinkludi ż-żoni li għandhom jiġu spezzjonati, il-metodu ta' spezzjoni, il-proċeduri ta' spezzjoni (inklużi l-passi ta' spezzjoni sekwenzjali u l-kriterji tal-aċċettazzjoni u tar-rifjut), il-limitu tal-ispezzjoni u kwalunkwe intervalli ripetittivi assoċjati ma' dawk l-ispezzjonijiet. DTIs jistgħu jispeċifikaw wkoll azzjonijiet ta' manutenzjoni bħal sostituzzjoni, tiswija jew modifika;

(n) "linja gwida ta' evalwazzjoni tat-tiswija" (REG) tfisser proċess stabbilit mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip li tagħti gwida lill-operaturi biex jistabbilixxu spezzjonijiet tat-tolleranza għad-danni għat-tiswijiet li jaffettwaw l-istruttura kritika f'każ ta' reħja biex tiġi żgurata l-integrità strutturali kontinwa tat-tiswijiet rilevanti kollha;

(o) "struttura kritika f'każ ta' reħja" (FCS) tfisser struttura ta' ajruplan li hija suxxettibbli għall-qsim tar-reħja li jista' jwassal għal falliment katastrofiku tal-ajruplan.";

(3) L-Anness I (Parti-26) huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-26 ta' Frar 2021. bl-eċċezzjoni tal-punt (4) tal-Anness II li għandu japplika minn 26 ta' Awwissu 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Awwissu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Fil-punt M.A.302(d) tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, jiżdied il-punt (3) li ġej:

"(3) id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Anness I (Parti-26) tar-Regolament (UE) 2015/640.".

ANNESS II

L-Anness I (Parti-26) tar-Regolament (UE) 2015/640 huwa emendat kif ġej:

(1) il-Werrej huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS I

Parti-26

SPEĊIFIKAZZJONIJIET ADDIZZJONALI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ GĦALL-OPERAZZJONIJIET

WERREJ

SUBPARTI A — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

26.10 L-awtorità kompetenti

26.20 It-tagħmir temporanjament mhux operattiv

26.30 It-turija ta' konformità

SUBPARTI B — AJRUPLANI KBAR

26.50 Is-sits, il-kuċċetti, iċ-ċintorini tas-sikurezza, u ċ-ċineg

26.60 L-inżul ta' emerġenza — kundizzjonijiet dinamiċi

26.100 Il-lok tal-ħruġ tal-emerġenza

26.105 L-aċċess għall-ħruġ tal-emerġenza

26.110 Is-sinjali tal-ħruġ tal-emerġenza

26.120 It-tidwil interjuri tal-emerġenza u t-tħaddim tad-dwal tal-emerġenza

26.150 L-arredamenti interni tal-kompartiment

26.155 Il-fjammabbiltà tal-inforri tal-istiva tal-merkanzija

26.156 Il-materjali termali jew ta' iżolament akustiku

26.157 Il-konverżjoni tal-kompartimenti tal-Klassi D

26.160 Il-protezzjoni kontra n-nar fit-tojlits

26.170 L-estinturi tan-nar

26.200 Il-ħoss ta' twissija fit-tagħmir tal-inżul

26.205 Is-sistemi ta' għarfien u ta' twissija tal-ħruġ mir-runway

26.250 Is-sistemi tat-tħaddim tal-bibien tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira — inkapaċità singola

26.300 Il-programm ta' integrità strutturali kontinwu għall-istrutturi ta' ajruplani li qed jeqdiemu — rekwiżiti ġenerali

26.301 Il-Pjan ta' Konformità għad-detenturi tal-(R)TC

26.302 L-evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni u għar-reħja

26.303 Il-Limitu ta' Validità

26.304 Il-programm tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-korrużjoni

26.305 Il-validità tal-programm ta' integrità strutturali kontinwu

26.306 L-istruttura tal-linja bażi kritika f'każ ta' reħja

26.307 Id-*data* tat-tolleranza għad-danni għall-bidliet eżistenti fi struttura kritika f'każ ta' reħja

26.308 Id-*data* tat-tolleranza għat-tiswijiet eżistenti għal struttura kritika f'każ ta' reħja

26.309 Il-linji gwida għall-evalwazzjoni ta' tiswija

26.330 Id-*data* tat-tolleranza għad-danni taċ-ċertifikati tat-tip supplementari (STCs) eżistenti, għal bidliet kbar oħra eżistenti u għal tiswijiet li jaffettwaw lil dawk il-bidliet jew l-STCs

26.331 Il-Pjan ta' Konformità għad-detenturi tal-STC

26.332 L-identifikazzjoni tal-bidliet li jaffettwaw l-istruttura kritika f'każ ta' reħja

26.333 Id-*data* tat-tolleranza għad-danni għall-STCs u t-tiswijiet f'dawk l-STCs approvati fl-1 ta' Settembru 2003 jew wara

26.334 Id-*data* tat-tolleranza għad-danni għall-STCs u għal bidliet oħra u tiswijiet f'dawk il-bidliet approvati qabel l-1 ta' Settembru 2003

26.370 Il-kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà u tal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru

SUBPARTI C — ĦELIKOPTERS KBAR

26.400 L-estinturi tan-nar

Appendiċi I – Lista ta' mudelli ta' ajruplan li mhumiex soġġetti għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Anness I (Parti-26)";

(2) il-punt 26.10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**26.10 L-awtorità kompetenti**

(a) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, l-awtorità kompetenti, li lilha l-operaturi jeħtieġ juru l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness tal-inġenji tal-ajru, li d-disinn tagħhom ikun diġà ġie ċċertifikat, għandha tkun l-awtorità maħtura mill-Istat Membru li fih l-operatur għandu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu.

(b) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, l-awtorità kompetenti li lilha d-detenturi taċ-ċertifikati tat-tip (TC), taċ-ċertifikati tat-tip ristretti, taċ-ċertifikati tat-tip supplimentari (STC), tal-approvazzjoni tal-bidliet u tad-disinn tat-tiswija jeħtieġ juru l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness taċ-ċertifikati tat-tip eżistenti (TC), taċ-ċertifikati tat-tip ristretti, taċ-ċertifikati tat-tip supplementari (STC), tal-bidliet u tad-disinn tat-tiswija għandha tkun l-Aġenzija.";

(3) il-punt 26.30 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) L-Aġenzija għandha toħroġ, f'konformità mal-Artikolu 76(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139, l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni bħala mezz standard biex tintwera l-konformità ma' dan l-Anness. L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għandhom ikunu ddettaljati u speċifiċi biżżejjed li jindikaw il-kundizzjonijiet li skonthom il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness tista' tintwera.

(b) L-operaturi u d-detenturi ta' ċertifikat tat-tip, ta' ċertifikat tat-tip ristrett, ta' ċertifikat tat-tip supplimentari jew ta' approvazzjoni tal-bidliet jew tad-disinn tat-tiswija jistgħu juru l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness billi jikkonformaw ma' wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) l-ispeċifikazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija skont il-paragrafu (a) ta' dan il-punt jew l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti maħruġa mill-Aġenzija fil-punt 21.B.70 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;

(ii) l-istandards tekniċi li joffru livell ekwivalenti ta' sikurezza lil dawk inklużi f'dawn l-ispeċifikazzjonijiet."

(b) jiżdied il-paragrafu (c) li ġej:

"(c) Id-detenturi ta' ċertifikat tat-tip, ċertifikat tat-tip ristrett, ċertifikat tat-tip supplimentari jew approvazzjoni tal-bidliet jew tad-disinn tat-tiswija għandhom jagħmlu disponibbli lil kull operatur magħruf tal-ajruplani kwalunkwe bidliet fl-"Istruzzjonijiet għal Ajrunavigabbiltà Kontinwa" (ICA) li huma meħtieġa biex tintwera l-konformità ma' dan l-Anness. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-ICA tinkludi wkoll spezzjonijiet ta' tolleranza għad-danni (DTIs), linji gwida għall-evalwazzjoni tat-tiswija (REGs), programm tal-linja bażi għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-korrużjoni (CPCP) u lista ta' strutturi kritiċi f'każ ta' reħja (FCSs) u taqsimiet tal-limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà (ALSs).";

(4) Jiddaħħal il-punt 26.157 li ġej:

"**26.157 Il-konverżjoni tal-kompartimenti tal-Klassi D**

L-operaturi tal-ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, b'ċertifikazzjoni tat-tip fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara, għandhom jiżguraw li:

(a) għall-ajruplani li t-tħaddim tagħhom jinvolvi t-trasport tal-passiġġieri, kull kompartiment tal-merkanzija jew tal-bagalji tal-Klassi D, irrispettivament mill-volum tiegħu, ikun jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli għal kompartiment tal-Klassi C;

(b) għall-ajruplani li t-tħaddim tagħhom jinvolvi t-trasport tal-merkanzija biss, kull kompartiment tal-merkanzija tal-Klassi D, irrispettivament mill-volum tiegħu, ikun jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli jew għal kompartiment tal-Klassi C jew tal-Klassi E.";

(5) Jiddaħħal il-punt 26.205 li ġej:

"**26.205 Is-sistemi ta' għarfien u ta' twissija tal-ħruġ mir-runway**

(a) L-operaturi ta' ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru għandhom jiżguraw li kull ajruplan li għalih ikun inħareġ l-ewwel ċertifikat individwali tal-ajrunavigabbiltà fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara, ikun mgħammar b'sistema ta' għarfien u twissija tal-ħruġ mir-runway.

(b) Din is-sistema għandha tkun iddisinjata b'tali mod li tnaqqas ir-riskju ta' eskursjoni lonġitudinali fuq ir-runway matul l-inżul billi tipprovdi twissija, fit-titjira u fuq l-art, lill-ekwipaġġ tat-titjira meta l-ajruplan ikun f'riskju li ma jkunx jista' jieqaf fid-distanza disponibbli sa tmiem ir-runway.";

(6) Jiddaħħlu l-punti 26.300, 26.301, 26.302, 26.303, 26.304, 26.305, 26.306, 26.307, 26.308, 26.309, 26.330, 26.331, 26.332, 26.333, 26.334 u 26.370 li ġejjin:

"**26.300 Il-programm ta' integrità strutturali kontinwu għall-istrutturi ta' ajruplani li qed jeqdiemu — rekwiżiti ġenerali**

(a) Detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini ċċertifikat fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara, li għalih ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal TC qabel l-1 ta' Jannar 2019, għandu jistabbilixxi programm ta' integrità strutturali kontinwu għall-istrutturi tal-ajruplani li qed jeqdiemu, li għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 26.301 u 26.309.

(b) Il-paragrafu (a) m'għandux japplika għal mudell ta' ajruplan li jkun inħareġ b'ċertifikat tat-tip qabel is-26 ta' Frar 2021, u li jkun jissodisfa kwalunkwe waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

(i) ikun elenkat fit-tabella A.1 tal-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness;

(ii) ma jibqax jitħaddem wara s-26 ta' Frar 2021;

(iii) ma jkunx ġie ċċertifikat biex iwettaq operazzjoni ċivili bit-tagħbija jew bil-passiġġieri;

(iv) ikollu TC ristrett maħruġ qabel is-26 ta' Frar 2021 skont ir-rekwiżiti ta' tolleranza għad-danni sakemm ma jitħaddimx iżjed minn 75 % tal-mira tas-servizz tad-disinn tagħha u jkun jitħaddem primarjament b'appoġġ għall-operazzjoni ta' manifattura tad-detenturi tal-approvazzjoni;

(v) ikun iċċertifikat b'TC ristrett u jkun mfassal primarjament għat-tifi tan-nar.

L-eċċezzjonijiet previsti fil-paragrafu (b)(ii) u (b)(v) għandhom japplikaw biss wara li d-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett jippreżenta għall-approvazzjoni lill-Aġenzija qabel s-27 ta' Mejju 2021 lista li tidentifika t-tipi u l-mudelli tal-ajruplani, il-varjazzjonijiet jew in-numri tas-serje flimkien mal-informazzjoni li ssostni r-raġunijiet li għalihom l-ajruplan ġie inkluż fil-lista.

(c) Għal mudell ta' ajruplan li jkun inħariġlu ċ-ċertifikat tat-tip għall-ewwel darba qabel is-26 ta' Frar 2021 u li għalih ma tkunx inkorporata u ma tkunx se tiġi inkorporata xi bidla jew tiswija fi kwalunkwe ajruplan li qed jitħaddem mis-26 ta' Frar 2022, il-paragrafi (a)(ii) u (a)(iii) tal-punt 26.307 u l-paragrafu (a)(ii) tal-punt 26.308 m'għandhomx japplikaw jekk qabel is-26 ta' Frar 2022 id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett jippreżenta lill-Aġenzija, il-lista ta' bidliet u tiswijiet għall-approvazzjoni.

26.301 Il-Pjan ta' Konformità għad-detenturi tal-(R)TC

(a) Detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini ċċertifikat fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara, li għalihom ġiet ippreżentata applikazzjoni għal TC qabel l-1 ta' Jannar 2019, għandu:

(i) jistabbilixxi pjan ta' konformità għall-integrità strutturali kontinwa li jiddeskrivi l-prova ta' konformità ppjanata mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 26.302 sa 26.309;

(ii) jissottometti pjan ta' konformità għall-integrità strutturali kontinwa msemmi fil-paragrafu (i) lill-Aġenzija qabel is-27 ta' Mejju 2021 għall-approvazzjoni.

(b) Applikant għal TC jew TC ristrett imsemmi fl-ittra (c) tal-Artikolu 1 paragrafu 2 għandu:

(i) jistabbilixxi pjan ta' konformità għall-integrità strutturali kontinwa li jiddeskrivi l-prova ta' konformità ppjanata mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 26.303 sa 26.306;

(ii) jissottometti pjan ta' konformità għall-integrità strutturali kontinwa msemmi fil-paragrafu (i) lill-Aġenzija qabel is-27 ta' Mejju 2021 jew, qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat, jekk dan iseħħ aktar tard, għall-approvazzjoni.

26.302 L-evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni u għar-reħja

(a) Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett, għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini ċċertifikat li jġorr 30 passiġġier jew aktar, jew li jkollu kapaċità tat-tagħbija ta' 3 402 kg (7 500 lbs) jew aktar, iċċertifikat fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara, li għalih l-applikazzjoni għal TC ġiet ippreżentata qabel l-1 ta' Jannar 2019, għandu jwettaq evalwazzjoni tat-tolleranza għar-reħja u għad-danni tal-istruttura tal-ajruplan u jiżviluppa d-DTI li tevita l-fallimenti katastrofiċi minħabba r-reħja matul il-ħajja operazzjonali tal-ajruplan.

(b) Sakemm id-dokumentazzjoni li tiddeskrivi d-DTI msemmija fil-paragrafu (a) tkun diġà ġiet approvata mill-Aġenzija skont l-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, id-detentur ta' TC jew ta' TC ristrett għandu jissottometti dik id-dokumentazzjoni lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Frar 2023 għall-approvazzjoni.

26.303 Il-Limitu ta' Validità

(a) Detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini ċċertifikat fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara, li għalih ġiet ippreżentata applikazzjoni għal TC qabel l-1 ta' Jannar 2019, iċċertifikat b'piż massimu tal-qtugħ mill-art (MTOW) li jkun akbar minn 34 019 kg (75 000 lbs), għandu:

(i) jistabbilixxi limitu ta' validità (LOV) u jinkludi dak l-LOV f'ALS emendat;

(ii) jidentifika l-azzjonijiet ta' manutenzjoni eżistenti u ġodda li fuqhom jiddependi l-LOV, u jiżviluppa l-informazzjoni ta' servizz neċessarja sabiex l-operaturi jimplimentaw dawk l-azzjonijiet ta' manutenzjoni u jippreżenta l-informazzjoni dwar is-servizz għall-azzjonijiet ta' manutenzjoni lill-Aġenzija skont l-iskeda vinkolanti miftiehma mal-Aġenzija.

Il-konfigurazzjonijiet strutturali tal-ajruplan li jkunu se jiġu evalwati bl-iskop li jiġu stabbiliti l-LOV għandhom jinkludu l-varjazzjonijiet u d-derivattivi tal-mudell kollha approvati qabel fil-kuntest tat-TC qabel is-26 ta' Frar 2021 u l-bidliet u s-sostituzzjonijiet strutturali kollha fil-konfigurazzjonijiet strutturali ta' dawk l-ajruplan li huma meħtieġa minn direttiva dwar l-ajrunavigabbiltà maħruġa qabel is-26 ta' Frar 2021.

B'deroga mill-paragrafu (a)(ii), id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini m'għandux jkun meħtieġ li jiżviluppa u jippreżenta l-informazzjoni dwar is-servizz lill-Aġenzija għall-azzjoni ta' manutenzjoni applikabbli għal mudell ta' ajruplan li ma jkunx se jibqa' jitħaddem wara l-punt skedat għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar is-servizz ta' dik l-azzjoni ta' manutenzjoni. Sabiex din l-eċċezzjoni tidħol fis-seħħ, id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għandu jinforma lill-Aġenzija mhux aktar tard mid-data li fiha l-mudell tal-ajruplan jieqaf jitħaddem.

(b) Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għandu jippreżenta għall-approvazzjoni l-LOV stabbilit skont il-paragrafu (a) u l-emenda tal-ALS imsemmija f'dak il-paragrafu flimkien mal-iskeda vinkolanti lill-Aġenzija, qabel l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafi (i) sa (iii):

(i) Is-26 ta' Awwissu 2022 għal struttura kritika f'każ ta' reħja b'bażi ta' ċertifikazzjoni li ma tinkludix evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni;

(ii) Is-26 ta' Frar 2026 għal struttura tal-ajruplan li tkun soġġetta għal ittestjar tar-reħja fuq skala sħiħa fid-data tal-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament emendatorju;

(iii) Is-26 ta' Frar 2025 għall-istrutturi tal-ajruplan kollha l-oħra.

(c) Applikat għal TC jew TC ristrett kif imsemmi fl-ittra (c) tal-Artikolu 1 paragrafu 2, għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini tal-piż massimu tal-qtugħ mill-art (MTOW) ta' aktar minn 34 019 kg (75 000 lbs), għandu:

(i) jistabbilixxi limitu ta' validità (LOV) u jinkludi dak il-LOV f'ALS;

(ii) jidentifika l-azzjonijiet ta' manutenzjoni eżistenti u ġodda li fuqhom jiddependi l-LOV, u jiżviluppa l-informazzjoni ta' servizz neċessarja sabiex l-operaturi jimplimentaw dawk l-azzjonijiet ta' manutenzjoni u jippreżenta l-informazzjoni dwar is-servizz għall-azzjonijiet ta' manutenzjoni lill-Aġenzija skont l-iskeda vinkolanti miftiehma mal-Aġenzija.

(d) L-applikant għal TC jew TC ristrett kif imsemmi fl-ittra (c) tal-Artikolu 1 paragrafu 2 għandu jippreżenta għall-approvazzjoni l-LOV stabbilit skont il-paragrafu (c) u l-ALS imsemmi f'dak il-paragrafu flimkien mal-iskeda vinkolanti lill-Aġenzija.

(e) L-iskadenzi li ġejjin għandhom japplikaw għall-obbligi msemmija fil-paragrafu (d)

(i) qabel id-data approvata mill-Aġenzija fil-pjan tal-applikant biex jitlestew it-testijiet u l-analiżijiet ta' kwalunkwe struttura ta' ajruplan li teħtieġ ittestjar tar-reħja ġdid fuq skala sħiħa biex jiġi appoġġat l-istabbiliment tal-LOV;

(ii) qabel is-26 ta' Frar 2025 għall-istrutturi tal-ajruplan kollha l-oħra.

26.304 Il-programm tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-korrużjoni

(a) Detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini ċċertifikat fl-1 ta' Jannar 1958, li għalih l-applikazzjoni għal TC ġiet ippreżentata qabel l-1 ta' Jannar 2019, għandu jistabbilixxi programm tal-linja bażi tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-korrużjoni (CPCP).

(b) Sakemm is-CPCP tal-linja bażi msemmi fil-paragrafu (a) ma jkunx diġà ġie approvat mill-Aġenzija skont il-punt 21.A.3B(c)(1) tal-Anness 1 tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 jew f'rapport tal-bord ta' rieżami tal-manutenzjoni (MRBR) approvat mill-Aġenzija, id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għandu jippreżenta s-CPCP lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Frar 2023 għall-approvazzjoni.

(c) Applikat għal TC jew TC ristrett kif imsemmi fl-ittra (c) tal-Artikolu 1 paragrafu 2, għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini għandu jistabbilixxi programm tal-linja bażi tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-korrużjoni (CPCP) qabel ma jinħareġ TC.

26.305 Il-validità tal-programm ta' integrità strutturali kontinwu

(a) Detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini ċċertifikat fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara, li għalih ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal TC qabel l-1 ta' Jannar 2019, għandu jistabbilixxi u jimplimenta proċess li jiżgura li l-programm ta' integrità strutturali kontinwu għall-istrutturi tal-ajruplani li qed jeqdiemu jibqa' validu matul il-ħajja operazzjonali tal-ajruplan, filwaqt li jitqiesu l-esperjenza tas-servizz u l-operazzjonijiet attwali.

(b) Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għandu jippreżenta deskrizzjoni tal-proċess imsemmi fil-paragrafu (a) lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Frar 2023 għall-approvazzjoni. Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għandu jimplimenta l-proċess fi żmien sitt xhur wara l-approvazzjoni tiegħu mill-Aġenzija.

(c) Applikant għal TC jew TC ristrett kif imsemmi fl-ittra (c) tal-Artikolu 1 paragrafu 2 għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini, għandu jistabbilixxi u jimplimenta proċess li jiżgura li l-programm ta' integrità strutturali kontinwu jibqa' validu tul il-ħajja operattiva tal-ajruplan, filwaqt li jitqiesu l-esperjenza tas-servizz u l-operazzjonijiet attwali. Għandha tippreżenta deskrizzjoni tal-proċess lill-Aġenzija qabel [*OP: jekk jogħġbok daħħal id-data: 24 xahar wara d-data tal-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament emendatorju*], jew qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat, skont liema sseħħ l-aħħar, għall-approvazzjoni u għandha timplimenta l-proċess fi żmien sitt xhur wara l-approvazzjoni tiegħu mill-Aġenzija.

26.306 L-istruttura tal-linja bażi kritika f'każ ta' reħja

(a) Detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini ċċertifikat fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara, li għalih ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal TC qabel l-1 ta' Jannar 2019, u li huwa ċċertifikat li jġorr 30 passiġġier jew aktar, jew li jkollu kapaċità tat-tagħbija ta' 3 402 kg (7 500 lbs) jew aktar għandu jidentifika u jelenka l-istrutturi kritiċi tal-linja bażi (FCBS) għall-varjazzjonijiet u d-derivattivi kollha tal-mudelli tal-ajruplani inklużi fit-TC jew fl-RTC.

(b) Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għandu jippreżenta lista tal-istrutturi msemmija fil-paragrafu (a) lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Awwissu 2021 għall-approvazzjoni.

(c) Hekk kif tiġi approvata l-lista msemmija fil-paragrafu (a) mill-Aġenzija, id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew TC ristrett għandu jagħmilha disponibbli għall-operaturi u għall-persuni li huma meħtieġa jikkonformaw mal-punti 26.330 u 26.370.

(d) Applikant għal TC jew għal TC ristrett kif imsemmi fl-ittra (c) tal-Artikolu 1, paragrafu 2, għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini li se jiġi ċċertifikat biex iġorr 30 passiġġier jew aktar, jew li jkollu kapaċità tat-tagħbija ta' 3 402 kg (7 500 lbs) jew aktar għandu jidentifika u jelenka l-istrutturi kritiċi tal-linja bażi (FCBS) għall-varjazzjonijiet u d-derivattivi kollha tal-mudelli tal-ajruplani inklużi fit-TC jew fit-TC ristrett. Huwa għandu jissottometti l-lista ta' dawn l-istrutturi lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Awwissu 2021 jew, qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat, skont liema sseħħ l-aħħar, għall-approvazzjoni.

(e) Hekk kif tiġi approvata l-lista msemmija fil-paragrafu (d) mill-Aġenzija, l-applikant għal TC jew TC ristrett kif imsemmi fl-ittra (c) tal-Artikolu 1 paragrafu 2 għandu jagħmilha disponibbli għall-operaturi u għall-persuni li huma meħtieġa jikkonformaw mal-punt 26.370.

26.307 Id-*data* tat-tolleranza għad-dannu għall-bidliet eżistenti għall-istruttura kritika f'każ ta' reħja

(a) Detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini ċċertifikat fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara biex iġorr 30 passiġġier jew aktar, jew li jkollu kapaċità tat-tagħbija ta' 3 402 kg (7 500 lbs) jew aktar, għall-bidliet u l-istruttura kritika f'każ ta' reħja (FCMS) mmodifikata li jkunu jeżistu fis-26 ta' Frar 2021 għandu:

(i) jirrieżamina l-bidliet fid-disinn (modifikazzjonijiet fid-disinn) u jidentifika l-bidliet kollha li jaffettwaw l-FCBS identifikati skont il-punt 26.306;

(ii) għal kull bidla identifikata skont il-paragrafu (a)(i), jidentifika kwalunkwe struttura assoċjata kritika f'każ ta' reħja mmodifikata (FCMS);

(iii) għal kull bidla identifikata skont il-paragrafu (a)(i), iwettaq evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni u jistabbilixxi u jiddokumenta l-ispezzjonijiet tat-tolleranza għad-danni assoċjati;

(b) Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għandu jippreżenta lista tal-istrutturi kritiċi f'każ ta' reħja kollha mmodifikati (FCMS) identifikati skont il-paragrafu (a)(ii) lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Frar 2022, għall-approvazzjoni.

(c) Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għandu jippreżenta d-*data* tat-tolleranza għad-danni, inkluż DTI, li tirriżulta mill-evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu (a)(iii) lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Awwissu 2022, għall-approvazzjoni.

(d) Hekk kif tiġi approvata mill-Aġenzija l-lista tal-FCMS ippreżentata skont il-paragrafu (b), id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għandu jagħmilha disponibbli għall-operaturi u għall-persuni li huma meħtieġa jikkonformaw mal-punti 26.330 u 26.370.

26.308 Id-*data* tat-tolleranza għat-tiswijiet eżistenti għal struttura kritika f'każ ta' reħja

(a) Detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini ċċertifikat fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara biex iġorr 30 passiġġier jew aktar, jew li jkollu kapaċità tat-tagħbija ta' 3 402 kg (7 500 lbs) jew aktar, għat-tiswijiet ippubblikati li jkunu jeżistu fis-26 ta' Frar 2021 għandu:

(i) jirrieżamina d-*data* tat-tiswija u jidentifika kull tiswija speċifikata fid-*data* li taffettwa l-istruttura tal-linja bażi kritika f'każ ta' reħja identifikata skont il-paragrafu (a) tal-punt 26.306 u l-paragrafu (a)(ii) tal-punt 26.307;

(ii) iwettaq evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni għal kull tiswija identifikata skont il-paragrafu (a)(i), sakemm din ma tkunx diġà saret.

(b) Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għandu jippreżenta d-*data* tat-tolleranza għad-danni, inkluż DTI, li tirriżulta mill-evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu (a)(ii) lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Mejju 2022 għall-approvazzjoni, sakemm ma tkunx diġà approvata skont il-punt 21.A.435(b)(2) tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 qabel is-26 ta' Awwissu 2022.

26.309 Il-linji gwida għall-evalwazzjoni ta' tiswija

(a) Detentur ta' ċertifikat tat-tip (TC) jew ta' TC ristrett għal ajruplan kbir li jaħdem bit-turbini ċċertifikat fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara biex iġorr 30 passiġġier jew aktar, jew li jkollu kapaċità tat-tagħbija ta' 3 402 kg (7 500 lbs) jew aktar u li għalih inħareġ TC, jew TC ristrett qabel il-11 ta' Jannar 2008, għandu jiżviluppa linji gwida tal-evalwazzjoni għat-tiswija (REGs) biex jiġi stabbilit:

(i) proċess għat-twettiq ta' stħarriġ tal-ajruplan affettwat li jippermetti l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tat-tiswijiet kollha eżistenti li jaffettwaw l-istruttura kritika f'każ ta' reħja identifikata skont il-paragrafu (a) tal-punt 26.306 u l-paragrafu (a)(ii) tal-punt 26.307;

(ii) proċess li jippermetti lill-operaturi jiksbu DTI għat-tiswijiet identifikati skont il-paragrafu (a)(i);

(iii) skeda ta' implimentazzjoni li tipprovdi skedi ta' żmien għat-twettiq ta' stħarriġ tal-ajruplani, il-kisba ta' DTIs u l-inkorporazzjoni tad-DTIs fil-programm ta' manutenzjoni tal-operatur tal-ajruplan.

(b) Id-detentur ta' TC jew ta' TC ristrett għandu jippreżenta linji gwida għall-evalwazzjoni tat-tiswijiet żviluppati skont il-paragrafu (a) lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Frar 2023, għall-approvazzjoni.

26.330 Id-*data* tat-tolleranza għad-danni taċ-ċertifikati tat-tip supplementari (STCs) eżistenti, għal bidliet kbar oħra eżistenti u għal tiswijiet li jaffettwaw lil dawk il-bidliet jew l-STCs

(a) Detentur ta' STC maħruġ qabel is-26 ta' Frar 2021 għal bidliet kbar, jew detentur ta' bidla kbira li tqieset bħala approvata skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, għall-ajruplani kbar iċċertifikati fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara biex iġorru 30 passiġġier jew aktar, jew li jkollhom kapaċità tat-tagħbija ta' 3 402 kg (7 500 lbs) jew aktar, għandhom jappoġġaw lill-operaturi meħtieġa li jikkonformaw mal-punt 26.370(a)(ii) billi jindirizzaw l-effetti negattivi ta' dawk il-bidliet u t-tiswijiet fuq l-istruttura tal-ajruplan u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 26.331 sa 26.334.

(b) Il-paragrafu (a) m'għandux japplika għal bidliet u tiswijiet kbar f'mudell ta' ajruplan li jkun ġie ċċertifikat għall-ewwel darba qabel is-26 ta' Frar 2021 meta dak il-mudell tal-ajruplan ikun jissodisfa kwalunkwe waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

(i) ikun elenkat fit-tabella A.1 tal-Appendiċi 1;

(ii) ma jibqax jitħaddem wara s-26 ta' Frar 2021;

(iii) ma jkunx ġie ċċertifikat biex iwettaq operazzjoni ċivili bit-tagħbija jew bil-passiġġieri;

(iv) ikollu TC ristrett u jkun ġie ċċertifikat skont ir-rekwiżiti ta' tolleranza għad-danni, sakemm ma jitħaddimx iżjed minn 75 % tal-mira tas-servizz tad-disinn tagħha u jitħaddem primarjament b'appoġġ għall-operazzjoni ta' manifattura tad-detenturi ta' TC;

(v) ikun iċċertifikat b'TC ristrett u jkun mfassal primarjament għat-tifi tan-nar;

(c) Il-paragrafu (a) m'għandux japplika għal bidliet u tiswijiet kbar f'ajruplan li jkun ġie ċċertifikat għall-ewwel darba qabel is-26 ta' Frar 2021 meta l-bidliet jew it-tiswijiet ma jiġux inkorporati u ma jkunux se jiġu inkorporati fi kwalunkwe ajruplan li jkun qed jitħaddem fi jew wara s-26 ta' Awwissu 2022.

(d) L-eċċezzjonijiet previsti mill-paragrafu (b)(ii) sa (b)(v) u (c) għandhom japplikaw biss wara li d-detentur ta' approvazzjoni tal-bidla jippreżenta lista ta' bidliet li jaffettwaw l-istruttura tal-linja bażi kritika f'każ ta' reħja, flimkien ma' informazzjoni li tappoġġa r-raġunijiet għala kull bidla ġiet inkluża fil-lista, lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Frar 2022 għall-approvazzjoni.

26.331 Il-Pjan ta' Konformità għad-detenturi tal-STC

Detentur ta' approvazzjoni tal-bidla għandu:

(a) jistabbilixxi pjan ta' konformità li jindirizza r-rekwiżiti tal-punti 26.332 sa 26.334;

(b) jissottometti l-pjan ta' konformità msemmi fil-paragrafu (a) lill-Aġenzija qabel il-25 ta' Awwissu 2021, għall-approvazzjoni.

26.332 L-identifikazzjoni tal-bidliet li jaffettwaw l-istruttura kritika f'każ ta' reħja

(a) Detentur ta' approvazzjoni tal-bidla għandu:

(i) jirrieżamina l-bidliet u jidentifika dawk il-bidliet li jaffettwaw l-istruttura tal-linja bażi kritika f'każ ta' reħja;

(ii) għal kull bidla identifikata skont il-paragrafu (a)(i), jidentifika kwalunkwe struttura assoċjata FCMS;

(iii) jidentifika t-tiswijiet ippubblikati li jaffettwaw kull bidla identifikata skont il-paragrafu (a)(i).

(b) Id-detentur tal-approvazzjoni ta' bidla li nħarġet fl-1 ta' Settembru 2003 jew wara, għandu jiżviluppa u jippreżenta lista ta' bidliet jew FCMS identifikati skont il-paragrafi (a)(i) u (a)(ii) lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Frar 2022, għall-approvazzjoni, u wara l-approvazzjoni mill-Aġenzija, jagħmel din il-lista disponibbli għall-persuni u l-operaturi meħtieġa jikkonformaw mal-paragrafu (b)(ii) tal-punt 26.370.

(c) Id-detentur ta' approvazzjoni tal-bidla li nħarġet qabel l-1 ta' Settembru 2003 għandu:

(i) jiżviluppa u jippreżenta lista tal-bidliet identifikati skont il-paragrafu (a)(i) lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Frar 2022, għall-approvazzjoni;

(ii) fuq it-talba ta' operatur li jkun meħtieġ jikkonforma mal-punt 26.370(a)(ii) għal bidla, jidentifika u jelenka kwalunkwe FCMS assoċjati mal-bidla u jippreżenta din id-*data* lill-Aġenzija fi żmien 12-il xahar mit-talba tal-operaturi, għall-approvazzjoni;

(iii) wara l-approvazzjoni ta' kwalunkwe *data* ppreżentata skont il-paragrafi (c)(i) u (c)(ii), jagħmel id-*data* disponibbli lill-persuni u l-operaturi meħtieġa li jikkonformaw mal-paragrafu (b)(ii) tal-punt 26.370.

26.333 Id-*data* tat-tolleranza għad-danni għall-STCs u t-tiswijiet f'dawk l-STCs approvati fl-1 ta' Settembru 2003 jew wara

(a) Detentur ta' approvazzjoni tal-bidla li nħarġet qabel l-1 ta' Settembru 2003 jew wara, għandu:

(i) għall-bidliet u t-tiswijiet ippubblikati, jidentifika skont il-paragrafu (a)(i) tal-punt 26.332 u l-paragrafu (a)(iii) tal-punt 26.332, iwettaq evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni;

(ii) jistabbilixxi u jiddokumenta l-ispezzjoni tat-tolleranza għad-danni assoċjata, sakemm ma tkunx diġà saret.

(b) Id-detentur ta' approvazzjoni tal-bidla għandu jippreżenta d-*data* tat-tolleranza għad-danni li tirriżulta mill-evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni mwettqa skont il-paragrafu (a)(i) lill-Aġenzija qabel is-26 ta' Frar 2023, għall-approvazzjoni, sakemm ma tkunx diġà approvata skont il-punt 21.B.111 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

(c) B'deroga mill-paragrafu (b), għal bidliet li ma kellhomx rekwiżit ta' evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni fil-bażi taċ-ċertifikazzjoni, id-detentur tal-approvazzjoni tat-tip identifikat fil-paragrafu (a) għandu jippreżenta għall-approvazzjoni d-*data* tat-tolleranza għad-danni li tirriżulta mill-evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni mwettqa skont il-paragrafu (a) lill-Aġenzija, fl-iskadenzi li ġejjin, skont liema sseħħ l-aħħar:

(i) qabel ma' jitħaddem ajruplan bl-inkorporazzjoni ta' dik il-bidla skont l-Anness IV (Parti-CAT) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 *; jew

(ii) qabel is-26 ta' Frar 2023.

26.334 Id-*data* tat-tolleranza għad-danni għall-STCs u għal bidliet oħra u tiswijiet f'dawk il-bidliet approvati qabel l-1 ta' Settembru 2003

(a) Detentur ta' approvazzjoni tal-bidla li nħarġet qabel l-1 ta' Settembru 2003 għandu:

(i) għall-bidliet u t-tiswijiet ippubblikati, jidentifika skont il-paragrafu (a)(i) tal-punt 26.332 u l-paragrafu (a)(ii) tal-punt 26.332 iwettaq evalwazzjoni tat-tolleranza għad-danni;

(ii) jistabbilixxi u jiddokumenta l-ispezzjoni tat-tolleranza għad-danni assoċjata, sakemm ma tkunx diġà saret;

(b) Id-detentur ta' approvazzjoni tal-bidla għandu jippreżenta d-*data* tat-tolleranza għad-danni li tirriżulta mill-evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu (a)(i) lill-Aġenzija, fl-iskadenzi li ġejjin, skont liema sseħħ l-aħħar, għall-approvazzjoni:

(i) qabel ma' jitħaddem ajruplan bl-inkorporazzjoni ta' dik il-bidla skont l-Anness IV (Parti-CAT) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012; jew

(ii) qabel is-26 ta' Frar 2023.

26.370 Il-kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà u tal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru

(a) L-operaturi jew is-sidien ta' ajruplani kbar li jaħdmu bit-turbini ċċertifikati fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara għandhom jiżguraw l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-istrutturi tal-ajruplani li qed jeqdiemu billi jippreparaw il-programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru previst fil-punt M.A.302 tal-Anness I (Parti-M) għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 ** li għandu jinkludi:

(i) għall-ajruplani ċċertifikati biex iġorru 30 passiġġier jew aktar, jew li jkollhom kapaċità tat-tagħbija akbar minn 3 402 kg (7 500 lbs), programm approvat ta' spezzjoni bbażat fuq it-tolleranza għad-danni;

(ii) għall-ajruplani li jitħaddmu skont l-Anness IV (Parti-CAT) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 u ċċertifikati biex iġorru 30 passiġġier jew aktar jew b'kapaċità tat-tagħbija akbar minn 3 402 kg (7 500 lbs), mezz biex jindirizzaw l-effetti negattivi li t-tiswijiet u l-modifiki jista' jkollhom fuq struttura kritika f'każ ta' reħja u fuq l-ispezzjonijiet previsti fil-punt (a)(i);

(iii) għall-ajruplani ċċertifikati b'piż massimu tal-qtugħ mill-art (MTOW) ta' aktar minn 34 019 kg (75 000 lbs), LOV approvat;

(iv) CPCP;

(b) L-iskadenzi li ġejjin għandhom japplikaw għall-obbligi msemmija fil-paragrafu (a):

(i) il-programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru għandu jiġi rivedut biex jindirizza r-rekwiżiti tal-punti (a)(i), (a)(ii) u (a)(iv) qabel is-26 ta' Frar 2024 jew, qabel it-tħaddim tal-ajruplan, skont liema sseħħ l-aħħar;

(ii) il-programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru għandu jiġi rivedut biex jindirizza r-rekwiżiti tal-punti (a)(iii) qabel is-26 ta' Awwissu 2021, jew sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tal-LOV, jew qabel it-tħaddim tal-ajruplan, skont liema sseħħ l-aħħar;

(c) Għal mudell ta' ajruplan li jkun ġie ċċertifikat għall-ewwel darba qabel s-26 ta' Frar 2021 u:

(i) li ma jibqax jitħaddem wara s-26 ta' Frar 2024 il-punti (a)(i), (a)(ii) u (a)(iv) m'għandhomx japplikaw;

(ii) li ma jibqax jitħaddem wara s-26 ta' Awwissu 2021 il-punt (a)(iii) m'għandux japplika;

(iii) li jkollu TC ristrett maħruġ qabel is-26 ta' Frar 2021 skont ir-rekwiżiti ta' tolleranza għad-danni, sakemm dan ma jitħaddimx iżjed minn 75 % tal-mira tas-servizz tad-disinn tiegħu u jitħaddem primarjament b'appoġġ għall-operazzjoni ta' manifattura tad-detenturi tal-approvazzjoni l-punti (a)(i), (a)(ii) u (a)(iv) m'għandhomx japplikaw;

(d) Għal mudell ta' ajruplan b'ċertifikat tat-tip ristrett maħruġ qabel is-26 ta' Frar 2021 u l-iskop prinċipali tiegħu jkun it-tifi tan-nar, il-punti (a)(i) u (a)(ii) m'għandhomx japplikaw.

---

* Ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1).";

(7) jiżdied l-Appendiċi 1 li ġej:

""*Appendiċi 1*

Lista ta' mudelli ta' ajruplan li mhumiex soġġetti għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Anness I (Parti-26)

Tabella A.1

Detentur tat-TC	Tip	Mudelli	Dispożizzjonijiet tal-Anness I (Parti-26) li ma japplikawx
The Boeing Company	707	Kollha	26.301 sa 26.334
The Boeing Company	720	Kollha	26.301 sa 26.334
The Boeing Company	DC-10	DC-10-10 DC-10-30 DC-10-30F	26.301 sa 26.334
The Boeing Company	DC-8	Kollha	26.301 sa 26.334
The Boeing Company	DC-9	DC-9-11, DC-9-12, DC-9-13, DC-9-14,DC-9-15, DC-9-15F, DC-9-21, DC-9-31,DC-9-32, DC-9-32 (VC-9C), DC-9-32F,DC-9-32F (C-9 A, C-9B), DC-9-33F, DC-9-34, DC-9-34F, DC-9-41, DC-9-51	26.301 sa 26.334
The Boeing Company	MD-90	MD-90-30	26.301 sa 26.334
FOKKER SERVICES B.V.	F27	Mark 100, 200, 300, 400, 500, 600, 700	26.301 sa 26.334
FOKKER SERVICES B.V.	F28	Mark 1000, 1000C, 2000, 3000, 3000C, 3000R, 3000RC, 4000	26.301 sa 26.334
GULFSTREAM AEROSPACE CORP.	G-159	G-159 (Gulfstream I)	26.301 sa 26.334
GULFSTREAM AEROSPACE CORP.	G-II_III_IV_V	G-1159 A (GIII) G-1159B (GIIB) G-1159 (GII)	26.301 sa 26.334
KELOWNA FLIGHTCRAFT LTD.	CONVAIR 340/440	440	26.301 sa 26.334
LEARJET INC.	Learjet 24/25/31/3-6/35/55/60	24,24 A,24B,24B-A,24D, 24D-A,24F,24F-A,25,25B,25C,25D,25F	26.301 sa 26.334

Detentur tat-TC	Tip	Mudelli	Dispożizzjonijiet tal-Anness I (Parti-26) li ma japplikawx
LOCKHEED MARTIN CORPORATION	1329	Kollha	26.301 sa 26.334
LOCKHEED MARTIN CORPORATION	188	Kollha	26.301 sa 26.334
LOCKHEED MARTIN CORPORATION	382	382, 382B, 382E, 382F, 382G	26.301 sa 26.334
LOCKHEED MARTIN CORPORATION	L-1011	Kollha	26.301 sa 26.334
PT. DIRGANTARA INDONESIA	CN-235	Kollha	26.301 sa 26.334
SABRELINER CORPORATION	NA-265	NA-265-65	26.301 sa 26.334
VIKING AIR LIMITED	SD3	SD3-30 Sherpa SD3 Sherpa	26.301 sa 26.334
VIKING AIR LIMITED	DHC-7	Kollha	26.301 sa 26.334
VIKING AIR LIMITED	CL-215	CL-215-6B11	26.301 sa 26.334
TUPOLEV PUBLIC STOCK COMPANY	TU-204	204-120CE	26.301 sa 26.334””